# Il-Ħolma ta' Elvira

Kienet ġurnata ferm sabiħa u Elvira xejn ma kellha aptit tmur l-iskola, wisq u wisq aktar meta kienet taf li kellha tħabbat wiċċha ma' dawk l-għalliema strambi li ta' kuljum kienu jkunu jriduha tagħmel xogħolha pulit u kif jixraq...

M'hemmx x'tagħmel, kellha tmur, trid jew ma tridx, għax ommha ma kinitx se tħalliha tfalli.

Daħlet fil-klassi u sabet li l-għallliema kienet diġa' bdiet il-lezzjoni. Issa sew, kif kienet se taqbad tarf ta' dak li kienet qiegħda tgħid l-għalliema? Elvira qagħdet kwieta u ma tniffsitx... għajnha marret biha, raqdet u bdiet toħlom...



Kienet ġurnata sabiħa, u hi u sħabha kienu ftiehmu li jmorru mixja flimkien. Iltaqgħu il-Belt u qabdu karozza li għaddiethom mill-Imsida u baqgħu sejrin sal-Mistra. Waqf u ddeċidew li jibdew jimxu minn hemm. Huma u mexjin raw mixtla tal-frawli sabiħa ħafna, u aktar 'il quddiem ġew ħdejn mitħna li kellha r-raddiena tiċċaqlaq biż-żiffa li kienet għaddejja. Għaddew minn mogħdija dejqa u ġew ġo għalqa iżda kemm kemm laħqu rifsu li ma semgħux leħen ta' raġel jgħajjat b'ton ta' mibgħeda. Hu qal li minn hemm mhux suppost li jgħaddu n-nies għax kellu l-mansab. L-imġiba ta' dan ir-raġel naffret lit-tfal u dawn malajr telqu x'imkien ieħor. Ġew ħdejn mergħa kollha nagħaġ u qagħdu jħarsu lejhom.

Ma damx ma qabadhom il-ġuħ u bdew jieklu. Elvira ħarġet il-ħobż mill-borża u ħadet l-ewwel gidma, iżda fil-pront semgħet twerżiqa kbira li ħasditha...

Fetħet għajnejha u sabet 'il-klassi kollha tidħak u tħares lejha. Riedet tmut bil-mistħija u xtaqet li kieku kellha xi moħba fejn setgħet tistaħba. L-għalliema kienet indunat li Elvira kienet raqdet u staqsietha mistoqsija apposta. Elvira talbitha maħfra iżda din l-għalliema ma kellhiex mogħdrija. Ġiegħlet lil Vira titlaq 'il barra u din hekk għamlet. Fir-rabja ħarbet mill-iskola u qabdet karozza għall-Marsa biex terġa' tmur lejn darha.

## Taħriġ

1. Nissel **nomi mimmati** minn:

   GĦADER, NASAB, ĦAŻEN, DIFEN, QABAR, TAĦAN, BAGĦAD, XEGĦEL, FETAĦ, GĦAŻAQ, RA, RADD, QADEF, DUBBIEN, SIĠAR, NAR, SELL, TERAĦ, NIFS, ĠIFEN, RAĦAL.

2. Semmi l-kelma li minnha hi mnissla kull waħda minn dawn in-**nomi mimmati**:

   IMĦALLEF, MIDGĦI, MUNQAR, MERGĦA, MIDBNA, MIŻBLA, MISTOĦBIJA, MOĦBA, MKEBBA, MĦABBA, MISTOQSIJA, MAQBAD, MIXTLA, MILIED, MUFTIEĦ, MQASS, MUSMAR, MĠARR, MSIDA, MĠIBA, MĦADDA.